# META JDUR IR-RIH!

——oo——

## KUMMIEDJA GHAX-XANDIR

TA'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

---

Hadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew juża xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb.

---

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Hamrun.

## JIEHDU SEHEM:

DINO ELLUL, il-Kittieb.
JESSIE, mart il-Kittieb.
ĊUŻE', il-Kustodju tat-Teatru.
NONU GOUDER, Reporter ta' "Id-Dawl".
KIKKU PISANI SANT.
It-Tabib BUNELL.
DADDU MULA, Habib.
FIFU ĊANGURA, l-Announcer.
JOHNNIE GHAXAQ, Komiku.
Raġel iehor.

# META JDUR IR-RIH!

## KUMMIEDJA GĦAX-XANDIR
### TA'
### IVO MUSCAT-AZZOPARDI

*Waqt li l-*Announcer *jibda jxandar tinstama' ħafna konfużjoni ta' kliem kif jinstama' minn platea ta' Teatru, u l-leħen ta' l-*Announcer *li. wara ftit, jibda jonqos bil-mod il-mod, sakemm ma jinstamax iżjed.*

ANNOUNCER: *Issa qed ikellimkom Fifu Cangura mit-Teatru Rjal. Għadkom kif smajtu t-tielet u l-aħħar att tal-kummiedja "Deni u gid" ta' Dino Ellul li ħadu sehem fiha, Johnnie Għaxaq fil-parti tal-Baruni Chetcuti, Marija Agius fil-parti ta' Guditta......*

KUSTODJU: Minn hawn... minn hawn, sur Mula... is-sur Ellul jinsab fil-kamrin tas-sur Għaxaq biex jitgħaxxaq bih u jifraħlu għall-parti sabiħa li għamel... interpretazzjoni tassew kbira... jiena naf x'ingħid, sur Mula, għax għomri u żmieni qattajtu fuq il-palkijiet ta' Malta kollha...

MULA: Ara Ġuż, issa ħallini mill-kliem u urini fejn hu dan l-imbierek kamrin...

KUSTODJU: M'aħniex mexjin, sinjur? Jien illargajt minn ħdejn il-bieb tal-palk biex nagħmillek pjaċir, tafx, għax... jien naf x'ingħid, u mhux suppost li nitqanqal minn hemm. M'intix tisma' kemm qegħdin iħabbtu fuq il-bieb, żgur se jitfgħuh ġewwa u jkolli nibdillu ċ-ċappetti minn buti...

MULA: Ara, Ġuż, jien bħala ħabib intimu ta' l-awtur għandi nkun l-ewwel wieħed li nifraħlu... għas-suċċess kbir tiegħu. Ma jidhirlekx li għamlet suċċess din il-kummiedja?

KUSTODJU: La qed tgħidu int, ħabib intimu tiegħu, naħseb li hekk hu...

MULA: Imma minn kemm-il kuritur se tgħaddini u kemm-il tarġa se ttellagħni?...

KUSTODJU: Wasalna, sinjur; xi tridni nagħmel la s-sur komiku għoġbu jagħżel l-aħħar pjan... hawn aħna... wasalna... (*taħbita fuq bieb*).

ELLUL: (*minn ġewwa*) Min hemm... għaddu... għaddu...

KUSTODJU: Idħol, sur Mula, qallek biex tidħol...

MULA : Grazzi wisq, Ġużè... grazzi wisq...
KUSTODJU : Grazzi biss?!... Ara ma tintilefx fil-folla, ħi.
MULA : Ara... kemm jien aljenat... skużani... Ġuż... aqbad dik *two and six* f'idek.
KUSTODJU : Mela hekk, ħej, sur Mula. Idħol, idħol ifraħlu... *(bieb jinfetaħ u jingħalaq)*.
ELLUL : Oh! Daddu qalbi! Kemm qed nieħu pjaċir narak miegħi f'dan il-mument tassew kommoventi. X'jidhirlek, eh?
MULA : Suċċess!... Suċċess kbir!... Suċċess bla mistenni...
ELLUL : Kif, kif?!
MULA : Qe... qe... ridt ngħid mhux mistenni hekk kbir...
ELLUL : Iva, kbir tassew, dovut l-aktar għall-ħabib kbir tiegħi hawn preżenti Johnnie Għaxaq, brillant di-sala mill-aħjar. Int tafu, mhux hekk?
MULA : Dan żgur... dan żgur... brillant ileqq daqshekk!
GHAXAQ : Jien iżda ma jidhirlix li...
ELLUL : Mela aktarx li hu jafek u inti ma tafux... ħwejjeġ li jiġru ħafna f'din id-dinja... jiġru spiss... mhux hekk?
GHAXAQ : Jista' jkun...
MULA : Jien nifraħlek ħafna, sur Għaxaq, imma jeħtieġ tammetti li s-suċċess kbir huwa dovut l-aktar għall-oriġinalità, qawwa tad-diskors, intriċċi u taħwid, eċċ., eċċ., eċċ., li fiha l-kummiedja, kollha frott tal-ħila kbira tal-ħabib kbir tiegħi Dino Ellul.
GHAXAQ : *(ftit imfantas)* Jista' jkun... jista' jkun...
MULA : Mhux jista' jkun, imma hekk hu *(taħbita fuq il-bieb)*.
ELLUL : Min hemm?... min hemm?... Dawwar il-pum u iftaħ... *(bieb jinfetaħ)*.
REPORTER : Jiena hu Nonu Gouder.
GHAXAQ : Lil min trid, jekk jogħġbok? Ma tarax li jien għadni bil-qalziet ta' taħt u għandi bżonn inbiddel?
REPORTER : Skużani, imma... taf int... jien ir-Reporter tal-ġurnal "Id-Dawl". Xtaqt li kieku tatuni... ftit tad-dawl... insomma ftit dettalji...
MULA : Proprju issa issa tridhom dawn id-dettalji? Ma stajtx tħalli x-xemx titla'?
REPORTER : Skużawni, imma milli jidher intom ma tafux li l-motto tal-ġurnal tagħna huwa "għaġla—eżattezza—verità".
ELLUL : Għandek raġun, imma jekk tiġi għada filgħodu, għandi ikun wisq aħjar, għax issa mhux il-waqt. Inħossni għajjien mejjet u... bejnietna... ġà għandi xi ħaġa miktuba u les-

ta u qiegħda d-dar. Jekk għada tiġi għaliha nagħtihielek fil-pront... ġà ittajpjatha u mdaħħla fl-envelopp.

REPORTER : Int min int, jekk jogħġbok?

ELLUL : Jien l-awtur.

REPORTER : Dino Ellul innifsu? Ħallini nifraħlek. U, skużani... dan l-artikolu x'ħin lestejtu?

ELLUL : Xi ħmistax-il ġurnata ilu.

REPORTER : Ħmistax ilu!?

ELLUL : Dan żgur!... Għax qed tistagħġeb?

REPORTER : Imma, skużi tafx, din il-kummiedja mhux il-lejla saret l-ewwel darba?

ELLUL : Dan x'għandu x'jaqsam?

MULA : Kif? Int qed tiddubita mill-ħila tal-ħabib tiegħi?

REPORTER : Int min int, jekk jogħġbok?

MULA : Jien is-sur Daddu Mula, ħabib intimu ta' l-awtur u ammiratur kbir tal-bċejjeċ tiegħu.

REPORTER : Kif mela Dino Ellul kiteb bċejjeċ oħra?

MULA : Dan żgur li kiteb; u kemm ukoll! Ajma, intom ir-reporters qatt ma tafu xejn...

REPORTER : Mhux kollha, sur, mhux kollha. Issa se nħallikom; mela narak għada, sur Ellul. Jekk b'kumbinazzjoni toħroġ qabel ma niġi, tinsiex tħallili l-ittra għand is-seftura. Naħseb li għandek waħda, mhux hekk?

ELLUL : (*aktarx imdejjaq*) Għandi, għandi, dan żgur li għandi...

REPORTER : Mela... għal għada (*bieb jinfetaħ u jingħalaq*).

GHAXAQ : Ħbieb, ma jidhrilkomx li dan ir-Reporter ftit u xejn arroganti?

ELLUL : Hafna mhux ftit, imma r-Reporters jeħtieġ teħodhom bil-paċenzja għax inkella ma' l-ewwel okkażjoni jpattuhielek. Tibgħatilhom artikolu jaqtgħulek nofsu, tiktbilhom xi ittra għall-pubblikazzjoni jġibuhielek meta l-affari tkun raqdet għal kollox, f'kelma waħda għandhom il-ħabel f'idejhom u jiġbdu dejjem kif jaqbel lilhom biss.

MULA : Sur Għaxaq milli qed nara int ħafif daqs rixa biex tilbes, sewwa sew kif int ħafif fuq il-palk biex titkellem u twaddab l-iskartati; u issa li int lest nistgħu mmorru. Bil-ħaqq, Dino, il-mara tiegħek kif kien mhiex hawn, baqgħet tistenniek fil-platea?

ELLUL : U x'platea, platea, baqgħet id-dar, ma ridetx tiġi; qalet li ma xtaqetx tassisti għall-fjask tal-kummiedja tiegħi.

MULA : Fjask?!... Aħjar ma ngħid xejn ukoll! Kummiedja bħal din! Inti x'jidhirlek minnha, sur Għaxaq?

GĦAXAQ : Jien jidhirli li hi tajba biżżejjed.

MULA : Tajba biss? Eċċellenti ridt tgħid!

GĦAXAQ : Jien bħala attur ma nistax nagħti l-veru verdett. Nistenna mela sa ftit ġranet oħra biex nara x'jgħidu l-ġurnali.

MULA : Dan żgur, dan żgur, u fosthom l-aktar importanti "Id-Dawl", mhux hekk?

ELLUL : Hekk hu... hekk hu... Imma issa ejja mmorru... (*bieb jinfetaħ, jarġa' jinstama' xi kliem u tgeġwiġ u kif l-awtur igħaddi mill-platea jinstama' xi ftit ċapċip u xi għajta ta' "bravu l-awtur" sakemm jintilef għal kollox. Jinstama' kar jimxi u wara ftit jieqaf quddiem bieb; u jarġa' jitlaq u jarġa' jieqaf wara bieb ieħor — waqt li l-kar ikun miexi jiftiehem dan il-kliem*) Int wasalt, Għaxaq... grazzi ħafna għat-taħbita li ħadt u nixtieqlek il-lejl it-tajjeb...

GĦAXAQ : Ma hemmx imniex. Id-dmir tagħna ta' artisti huwa dak li nikkuntentaw lil kulħadd. Lill-awtur meta l-pubbliku ma jifhemx il-kummiedja tiegħu, u lill-pubbliku meta ma jifhemx dak li kiteb l-awtur.

MULA : Din tajba tassew, Johnnie... tippermettili nsejjaħlek b'ismek mhux hekk?

GĦAXAQ : Ara x'qallek! Mela l-lejl it-tajjeb (*il-kar jissokta triqtu*).

MULA : (*Jitkellem waqt li l-kar miexi dejjem*) Int ukoll qrobt biex tasal, Dino. Issa orqod tajjeb biex għada filgħodu tqum O.K. u mistrieħ u lest biex tisma' bl-akbar pjaċir il-kommenti tan-nies u tal-ġurnali. Nittama li jkunu kollha tajba... bħal dawk li se jidhru fid-"Dawl".

ELLUL : Din tajba, tajba tassew!

MULA : U qabel inħallik ħallini nifraħlek għall-aħħar darba għas-suċċess tassew kbir li għamlet il-kummiedja tiegħek "Deni u ġid". Il-lejl it-tajjeb u sellili ħafna għas-sinjura tiegħek.

ELLUL : Saħħa, ħabib tal-qalb...u ħobbni dejjem (*Jinstama' l-kar jitlaq, iċ-ċavetta tiftaħ il-bieb, mixi ta' passi, swiċċ tad-dawl idur u mbagħad Ellul isejjaħ lill-mara għall-ewwel taħt ilsien u wara bil-qawwi*) Jessie!... Jessie!!... Int rieqda?... Qum!

JESSIE : (*b'ħasda*) X'ġara?... Min hemm? Huwa int, Dino. X'qatgħa tajtni, ħej! Kont qiegħda noħlom!

ELLUL : Iva, jien kollni kemm jien. Wasalt qawwi u sħiħ, imma nħossni għajjien mejjet.
JESSIE : Dan għajjien b'hiex?
ELLUL : Kif, mela ma tafx minn fejn ġej?
JESSIE : Minn fejn ġej, x'waħdadin! Ah! iva, bilħaqq! Mit-teatru, mhux hekk?
ELLUL : U iva! Issa qum minn hemm u ejja nitkellmu ftit. Dan kif ħallejt l-għajnek tmur bik. Okkażjoni bħal din!
JESSIE : Lanqas naf jiena stess, imma l-inqas ħsieb li kelli tal-kummiedja tiegħek.
ELLUL : Li kieku taf x'suċċess, Jessie qalbi. Qatt ma tista' tob-sor!
JESSIE : Imma, għidli ftit, in-nies li kien hemm, kienu minn dawk li jifhmu?
ELLUL : Ih! Ara x'qaltlek! U ngħid ukoll! Mill-aħjar nies : il-Ħamrun kollu bi ħġaru. U kemm tfal!... Dak daħk, dak ċapċip!
JESSIE : Ċiss, tara eh!
ELLUL : Ara, Jess, milli qed nara għadek bin-ngħas. Tridx tkom-pli torqod. Iva, iva, orqod ruħi. Imma, qabel xejn, ifhimni tajjeb. Għada filgħodu għandu jiġi ċertu Nonu Gouder, re-porter tal-ġurnal "Id-Dawl". Jekk jistaqsik għas-seftura tgħidlux li ilu ma jkollna waħda aktar minn ħames snin, tafx.
JESSIE : Mela dan xi diżunur?
ELLUL : Le, mhux diżunur, imma, taf int, familja li għandha x-xorti jkollha seftura magħha, dejjem ħaġa ftit kbira.
JESSIE : (*ta' sikwit tittewweb*) Tajjeb, mela x'ingħidlu?
ELLUL : Għidlu li tajniha ġurnata btala u marret piknik ma' tal-football.
JESSIE : Tajjeb... u mbagħad?
ELLUL : U agħtih dak l-envelopp li hemm fuq l-iskrivanija tie-għi.
JESSIE : Tajjeb wisq. Issa trid xi ħaġ'oħra? Għax tajjartli nagħ-si u ma nafx kif se jarġa' jaqbadni. Ħallejtlek isfel biċċa fro-ġa, ftit insalata u żewġ ġbejniet friski li baqa' minn ta' dal-għodu Jekk trid xi laringa hemm ukoll. Orqod tajjeb, ruħi.
ELLUL : Tajjeb... tajjeb... kemm hi ħaġa kerha jkollok mara ma tiddelettax bit-teatru! X'diżgrazzja kbira din!
JESSIE . U mur kul u orqod, u ħallik mit-teatru. Aħna t-teatru ma narawhx is-sena kollha kull fejn indawru wiċċna!
ELLUL : (*hiereġ mill-kamra*) Suċċess bħal dan... u lanqas bew-

sa, jekk mhux għal ħaġ'oħra bħala rikonoxximent tal-ħila kbira tiegħi bħala drammaturgu. Possibbli Shakespeare u Dino Alfieri, *e bella compagnia*, kienu kollha diżgrazzjati bħali? Orqod tajjeb, Jess!

ANNOUNCER: *L-għada filgħodu, fil-Każin ta' Triq Irjala, ma kontx tisma' ħlief bis-suċċess ta' Dino Ellul. Xi ħbieb tiegħu saħansitra ippretendew u qalu li l-kummiedja "Deni u ġid" kien jistħoqqilha tiġi maqluba bit-taljan, bl-ingliż u bil-franċiż, saħansitra bil-burmiż, u tidher fl-aqwa teatri tad-dinja.*

*Dino Ellul, ferħan se jtir, beda jħallas grokkijiet bl-addoċċ, iżellaq in-nofs liriet f'idejn dak ir-reporter u l-ieħor, kull min jifraħlu, jafu u ma jafux, joffrilu sigarru "La Semeuse". Fit-triqat bejn il-Każin u d-dar tiegħu, kemm-kemm sefa' jimxi u s-sħana bdiet tagħmel bih sewwa u beda jħoss bħal fawra tiela' għal rasu. Fl-aħħar wasal id-dar f'xi t-tlieta neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar, mikdud, għajjien, imbergħen, ferħan se jtir moralment, u b'riġlejh kemm kemm jista' jkaxkarhom fiżikament. Ma għandna x'ingħidu xejn iddobba ħasla kif tmiss il-liġi minn għand il-mara u kellu jiekol waħdu dak li għoġobha, bonagrazzja tagħha, tħallilu: jiġifieri biċċa froġa, ftit insalata u żewġ ġbejniet friski. Milli jidher ħlief frejjeġ u insalati ma kinetx taf tagħmel. Għal dak li huma ġbejniet niddubita jekk kinux friski. Larinġ ma kienx fadal.*

*Meta irrakkuntalha x'kien ġralu, il-għala kien wasal hekk tard, kemm nies kienu ferħulu, kemmxet xofftejha u lanqas weġbitu.*

*Biex ma jkollux x'igħid magħha, mar inqafel fl-uffiċċju tiegħu, rabat idejh salib, qiegħed rasu fuqhom u ħa nagħsa xi ħaġa. Meta qam kien dalam sewwa, naża' ħwejġu u daħal taħt il-friex u raqad raqda waħda sa filgħodu.*

*Il-għada, mas-sebħ, qam bħas-soltu. Kliem mal-mara fuq l-affari tat-teatru, kummiedji, suċċessi u ferħ, xejn.*

*Il-għodwa kienet imċajpra sewwa, riħ isfel jinten. Rasu kienet tqila daqs iċ-ċomb. Bħala kittieb letterat beda jistħajjlu niżel sa l-infern u sab ruħu mlibbes b'waħda minn dawk il-kapep taċ-ċomb li Dante għoġbu jlibbes lil ċerta kwalità ta' midinbin. Ma kienx żgur iżda jekk it-toqla li kien qed iħoss fuq rasu kinetx il-konsegwenza tar-riħ isfel jew tas-sakra tal-ġurnata ta' qabel.*

*Flok kafè bil-ħalib u biskuttell li kien imdorri jieħu kull filgħodu, xorob flixkun soda-water u bl-aktar intenzjonijiet tajbin telaq 'il barra bil-qalb it-tajba.*

*Qabel daħal għax-xogħol fettillu jmur sal-Każin u biex ma jeħelx mal-klikka tas-soltu, poġġa f'rokna, aktarx fid-dlam, b'wiċċu lejn il-ħajt u b'dahru lejn in-nies.*

*Ma kienx mument li daħal hemm u qagħad f'dik il-pużizzjoni għax, mingħajr ma ried, kellu jitqanna jisma' ċerta taħdita li kienet qed issir bejn ċertu Kikku Pisani-Sant, Daddu Mulc, il-ħabib kbir tiegħu, u xi oħrajn.*

MULA : X'tgħidli sabiħ, għodu għodu, Kikk?

KIKKU : Xejn mill-ġdid, Dadd, ħlief dak l-artiklu li hemm f'"Id-Dawl" fuq il-kummiedja "Deni u ġid" ta' ċertu Dino Ellul.

MULA : Jaqaw?!

KIKKU : Lagħbulu xebgħa kif imiss. Int ħabib tiegħu, mhux hekk?

MULA : Habib! Habib! Nafu kemm kemm. U... x'qalu sabiħ fuqu f'dan l-artiklu?

KIKKU : Sabiħ xejn, għax kull ma qalu kollox ikrah. Qalu li ma jaf xejn. Li l-kummiedja tiegħu mhiex ħlief insalata ta' ħafna kummiedji oħra...

XI HADD : Mela jmissha ħelwa!?

KIKKU : Helwa? Sa fejn naf jien l-insalati ħall u melħ fihom, mhux zokkor, mela kif tridha tkun ħelwa? L-artiklu jgħid li l-biċċiet li ħataf minn hawn u minn hemm kollha ħelwin, imma kif qiegħdhom huwa ġew qarsin ħall.

MULA : Jien kont għidtlu li se tagħmillu fjask.

KIKKU : Iva, eh?

MULA : Meta saret, iżda, in-nies daħku ħafna, daħka wara l-oħra.

KIKKU : Il-lum in-nies jidħku b'kollox u minn xejn. Anki meta jaraw wieħed imgħaffeġ taħt karrozza għandhom il-ħila jidħku.

MULA : Imma sa fejn naf jien kulħadd feraħlu ħafna, xorbu miegħu...

KIKKU : Dak biex igħaddu ż-żmien bih, biex jiskrukkjawlu xi grokk...

MULA : Jien... ngħidikom is-sewwa... mill-ewwel ma laqtitnix *(ħoss ta' passi)* Ara min wasal! X'għandna Dott?

KIKKU : Issa għaqdet la wasal it-tabib Bunell.

BUNELL : Xejn mill-ġdid sa fejn naf jien. Kollox qadim ta' pizzolu. Inħoss rasi tqila daqs qartalla.

KIKKU : Ma tafx li l-lum riħ isfel għandna, Dott?

BUNELL : Iva... hekk hu... hawn ħafna min ibati bih dan irriħ. Imma milli jidher iddisturbajtkom, hux? Qtajtilkom il-konversazzjoni għandu jkun.

KIKKU : Xejn affattu; ma konna qegħdin ingħidu xejn importanti, Dott. Konna qegħdin niddiskutu fuq it-Teatru. Fuq ċerta kummiedja ġdida "Deni u ġid" ta' ċertu Ellul.

MULA : Mingħalija kont hemm int, Dott, meta saret.

BUNELL : Iva... iva...

KIKKU : Mela tista' tatina l-ġudizzju tiegħek. X'jidhirlek minnha, Dott?

BUNELL : Ngħidlek is-sewwa jiena ma tantx nifhem fit-teatru u ma nħobbx nagħti l-parir tiegħi fuq ħwejjeġ li ma nifhemx fihom.

MULA : Imma, jekk niftakar sewwa, inti kont tidher soddisfatt dak in-nhar.

BUNELL : Soddisfatt?! Kont hemm biex ngħaddi kwarta żmien. Dħakt tnejn, rajt ħafna nies jidħku... u xejn aktar.

KIKKU : Dott, id-"Dawl" ta' dalgħodu qrajtu? Lagħbulu xebgħa, xi ħaġa, lil dan Ellul. Imsejken awtur.

BUNELL : Jiena abbonat fid-"Dawl" imma għad ma rajtux il-ġurnal tal-lum. Niftakar iżda li xi ġranet wara r-reċta kien deher artiklu fih, kollu ftaħir u tifħir.

MULA : Hekk hu, imma... bejnietna... ara ma tikxfunix l-aħwa... tafu xejn min kien kitbu dak l-artiklu?

KIKKU U L-OĦRAJN : Le, jaqaw? Forsi int? Jew l-editur?

MULA : Bejnietna, eh! Ellul innifsu.

BUNELL : U x'fiha din! Isiru tant minn dawn l-affarijiet? Dan is-seklu ta' propaganda, tafux?

KIKKU : Daddu qalbi, aħfirli jekk se nagħmillek osservazzjoni ċkejkna, imma ma jidhirlix li huwa sewwa dak li jħobbu jagħmlu ħafna nies, jiġifieri, f'wiċċek igħidulek ħaġa u minn warajk jgħidu ħaġ'oħra, kultant assolutament kuntrarji ta' xulxin.

MULA : Ih! X'fiha din! Ma tafx li dan huwa s-seklu tal-falsità?

BUNELL : Araw, jien naqbel magħkom, imma jeħtieġ tammettu li l-irġulija ma hawnx isbaħ minnha.

KIKKU : Jien naqbel miegħek mija fil-mija, Dott, u li kieku ma kienx sarli l-ħin kont noqgħod nargumenta l-affari ma' Dad-

du, imma nzertajt mimli bix-xogħol sa xfar għajnejja. Arani sejjer. Tlaqt jien (*passi ta' xi ħadd sejjer*).

MULA: Iva, tassew, kemm sar ħin, id-disgħa daqqu u aħna għadna nitkellmu hawn. Good day, ħbieb (*passi oħra*).

XI ĦADD: U jien ukoll se jkolli nitlaq; jiddispjaċini li se nħallik waħdek, Dott. Arani tlaqt (*passi oħra*).

BUNELL: Saħħa wisq. (*Isejjaħ*) Wejter, ġibli kafè bil-ħalib jekk jogħġbok. Sħun kemm jista' jkun u kark ħa jqajjimli ftit in-nervi.

ELLUL: (*li malli jara lil kulħadd sejjer, isfar daqs il-qarsa tax-xama', iqum minn postu u jersaq lejn it-Tabib Bunell*) Skużani, Dott, nista' noqgħod hawn... ma' ġenbek?

BUNELL: Iva... dan żgur... sur...

ELLUL: Ma għaraftnix, mhux hekk?

BUNELL: Le.. ma jidhirlix li nafek... imma... tista' toqgħod l-istess. Ma jħossokx fiha?... Ma nafx kif qed narak...

ELLUL: Le... ma għandi xejn, Dott... ma għandi xejn partikulari... fiżikament ma għandi xejn. Il-marda tiegħi aktarx morali.

BUNELL: Il-marda tiegħek? Mela inti marid?

ELLUL: Marid u minix. Għandi marda imma ma nafx kif tista' tikklassifika ruħha.

BUNELL: Jekk nista' naqdik f'xi ħaġa! Għalkemm hawn mhux il-lok adattat.

ELLUL: Ma għandi xejn speċjali, Dott, imma nixtieq nagħmillek mistoqsija.

BUNELL: Agħmilli, sur...

ELLUL: Dino Ellul!

BUNELL: Dino Ellul?! Dan l-isem jidhirli li nafu, li...

ELLUL: Dino Ellul. L-awtur tal-kummiedja "Deni u ġid" li kontu qed titkellmu fuqha ftit ilu.

BUNELL: X'waħdadin! U int kont hemm qed tisma' kollox?

ELLUL: Kollox! B'kumbinazzjoni, tafx! Kumbinazzjoni li fetħitli għajnejja beraħ, li għallmitni ħafna, ħafna ħwejjeġ.

BUNELL: Sur Ellul, la tiħux l-affarijiet traġikament. Tinsiex li ħwejjeġ bħal dawn jiġru spiss fid-dinja.

ELLUL: Iva, naf, imma qatt ma kont nobsor li fid-dinja hawn daqshekk nies foloz. Ħbieb?! Ma nafx x'nibda nsejħilhom.

BUNELL: Sejħilhom dak li jidhirlek. Imma jaqbillek tiftaħ għajnejk u tħaddem aktar għaqlek u moħħok, u jekk jidhirlek li l-kitba tat-teatru ma tgħoddx għalik, la toqgħodx titqanżaħ.

Halliha, dur għal xi ħaġa oħra, xi ħaġa li tagħtik soddisfazzjon aktar...

ELLUL: Sewwa qed tgħidli, Dott, u l-parir tiegħek bi ħsiebni ngħożżu tajjeb għax jidher ġenwin u sinċier. Imma, għidli ftit, int milli tidher raġel sewwa, ġust, u m'intix falz. Il-għala dak in-nhar li saret l-ewwel darba l-kummiedja tiegħi, tawni tant tifħir, in-nies daħku bosta, kitbu fuqi u fuqha ħafna artikoli sbieħ. Imbagħad, wara ftit ġranet, kulħadd nesa kollox, mhux biss, imma ħafna daru għalija qatta bla ħabel. Il-għala, Dott?

BUNELL: Il-mistoqsija li qed tagħmilli hija wisq diffiċli biex wieħed iweġibha, l-aktar imbagħad għax jien m'inix kompetenti fl-affarijiet tat-teatru. Imma bħala bniedem li għalaqt is-sittin sena, bħala bniedem li ġrejt ħafna barra minn Malta, u għamiltha ma' ħafna nies, rajt mill-qrib l-akbar hena u doqt l-aqwa mrar, naħseb li... ara... kieku ma rridx...

ELLUL: Għidli, għidli, Dott, il-kelma tiegħek bi ħsiebni ngħożżha ħafna...

BUNELL: Trid ingħidhielek kif inħossha?

ELLUL: Iva, Dott...

BUNELL: Ir-raġuni hi sempliċement kustjoni fiżika, kustjoni, biex ingħiduha hekk, klimatika...

ELLUL: (*mistagħġeb bl-ikreh*) Eh?... Kif... X'inhu?...

BUNELL: Iva. Dak in-nhar tar-reċta kien *riħ fuq* u l-lum inzerta *riħ isfel.*

ELLUL: Ih! x'waħdadin! Din qatt ma bsartha. Kemm ibatu bl-irjieħ in-nies ta' Malta.

BUNELL: Mhux ta' Malta biss, ta' barra wkoll... ir-riħ isfel jirrenja kullimkien (*jinfexx f'daħka*).

**T M I E M.**